


KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA



RAPPORT | 2016
ANNWALI

Sommarju Eżekuttiv

Aktar dettalji dwar il-KEPD jinstabu fuq il-websajt tagħna: <http://www.edps.europa.eu>

Il-websajt jinkludi faċilità ta' [abbonament](#) għall-bullettin tagħna.

**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.**

Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017

Print	ISBN 978-92-9242-216-5	ISSN	doi:10.2804/40911	QT-AB-17-001-MT-C
PDF	ISBN 978-92-9242-210-3	ISSN 1831-0567	doi:10.2804/25830	QT-AB-17-001-MT-N

© L-Unjoni Ewropea, 2017

© Photos: iStockphoto/EDPS & European Union

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.



RAPPORT ANNWALI | 2016

Sommarju Eżekuttiv

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Introduzzjoni

Fl-2016 seħnew bosta avvenimenti ta' importanza sinifikanti, li l-implikazzjonijiet fit-tul tagħhom għadhom kmieni wisq biex jibassru. Madankollu, bir-riformi regolatorji tagħha għall-protezzjoni tad-*data*, l-UE kważi ċertament għamlet ix-xogħol ta' ġenerazzjoni. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) u d-Direttiva għall-protezzjoni tad-*data* fis-setturi tal-pulizija u tal-ġustizzja, li daħlu fil-ktieb tal-istatut is-sena li għaddiet, jistgħu jirriżultaw f'pass sinifikanti 'l quddiem mhux biss għad-drittijiet fundamentali fl-era diġitali iżda wkoll, bħala l-eżitu pożittiv ta' snin ta' negozjati kumplessi, għad-demokrazija Ewropea.

Il-GDPR huwa, u ser jibqa', il-punt ta' referenza għax-xogħol tagħna. Kif stabbilit fl-Istrateġija għall-mandat tagħna, aħna għandna l-għan li l-protezzjoni tad-*data* nagħmluha kemm jista' jkun sempliċi u effettiva għal dawk kollha involuti. Il-GDPR huwa ta' importanza strateġika għall-istituzzjoni tagħna għax jistabbilixxi l-parametri għall-ipproċessar u s-sorveljanza ta' *data* fl-istituzzjonijiet tal-UE nfishom. Aħna ilna nipromwovu b'mod attiv il-kunċett ta' akkontabilità lill-mexxejja tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, u noffruhom għodod prattiċi sabiex ngħinuhom jiżguraw u juru l-konformità. Permezz tax-xogħol tagħna bħala infurzaturi u ombudsman għal tħassib individwali, aħna esperjenzajna b'mod dirett is-sensibilizzazzjoni akbar tal-pubbliku fir-rigward tal-importanza li d-*data* personali tiġi protetta. In-nies huma konxji aktar minn qatt qabel dwar x'jista' jiġri jekk l-informazzjoni personali tagħhom ma tiġix ġestita b'mod responsabbli; huwa d-dmir tagħna u tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* (DPAs) kollha li niżguraw dan.

Bħal DPAs oħra, u bħala infurzaturi u konsulenti għal dawk responsabbli għall-proponiment, l-iskrutinju u r-reviżjoni ta' leġiżlazzjoni, aħna investejna enerġija konsiderevoli fit-tnejjja għar-regoli l-ġodda. Aħna qed naħdmu f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, sabiex niżguraw li nistgħu nipprovdur segretarjat effettiv u effiċjenti għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġdid, u approfondejna u intensifikajna l-kooperazzjoni leali tagħna ma' awtoritajiet regolatorji oħrajn madwar id-dinja.

Aħna nirrikonoxxu wkoll li jekk id-DPAs jridu jkunu effettivi, irid ikollhom għarfien sħiħ ta' teknoloġiji xprunati mid-*data*. Id-dokument ta' sfond tagħna dwar l-Intelliġenza Artifiċjali jirrappreżenta eżerċizzju wieħed f'dik id-direzzjoni. Hekk kif it-teknoloġija tkompli tiżviluppa, id-DPAs ser ikunu jridu jiżguraw li aħna preparati għall-bidliet li din ser iġġib magħha.

Il-flussi ta' *data* huma realtà globali, u l-2016 immarkat żvolta potenzjali fir-rigward ta' kif dawn jiġu rregolati. Aħna tajna pariri lill-leġiżlatur tal-UE dwar il-*Ftehim Komprensiv* u t-Tarka tal-Privatezza, rigward it-trasferiment ta' *data* mill-UE lill-Istati Uniti, u t-trattajna ma' kummissarji tal-protezzjoni u l-privatezza tad-*data* minn kull kontinent, sabiex ngħinu fit-waqqif ta' kunsens ġdid dwar id-drittijiet fl-era diġitali.

Aħna nirrikonoxxu li l-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* ma toperax f'iżolament, u f'Jannar 2016 nedejna l-Grupp Konsultattiv dwar l-Etika. Dan il-grupp ta' sitt individwi eminenti, kull wieħed espert fil-qasam distint proprju, huwa inkarigat mill-iżvilupp ta' modi innovattivi u effettivi għall-iżgurar li valuri tal-UE jibqgħu mħarsa f'era ta' *data* minn kull lok u magni intelliġenti. Waqqafna wkoll Ċentru Diġitali għall-Ikklerjar għall-awtoritajiet ta' kompetizzjoni, tal-konsumatur u tad-*data* sabiex jiskambjaw informazzjoni u ideat dwar kif jista' jiġi żgurat li l-interess individwali jiġi moqdi bl-aħjar mod f'każijiet speċifiċi.

Waħda mill-innovazzjonijiet tal-GDPR hija r-rekwiżit li kull kontrollur jaħtar uffiċjal tal-protezzjoni tad-*Data* (UPD). L-istituzzjonijiet tal-UE, grazzi għar-Regolament (KE) Nru 45/2001, għandhom kważi żewġ deċennji ta' esperjenza ta' ħidma mal-UPDs. Aħna nittamaw u nemmnu li, bl-appoġġ tagħna, l-istituzzjonijiet tal-UE ser isiru punt ta' riferiment għall-ipproċessar responsabbli tad-*data*; eżempju li l-kontrolluri fis-setturi privati u pubbliċi jistgħu jaspiraw għalih.

Il-prijorità tagħna ser tkun li dan iseħħ.



Giovanni Buttarelli
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni
tad-*Data*



Wojciech Wiewiórowski
Assistent Kontrollur

2016 — Ħarsa Ġenerali

Fl-**Istrateġija 2015–2019**, tagħna, aħna ddiskrivejna l-viżjoni tagħna ta' UE li tmexxi bl-eżempju fid-djalogu globali dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-*data* fl-era diġitali. Fl-4 ta' Mejju 2016 ir-**Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data** (GDPR) għe ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u mmarka pass kbir lejn l-ilfuq ta' dan il-għan. Il-GDPR ser jgħin fit-tiswir ta' standard globali u diġitali għall-protezzjoni tal-privatezza u tad-*data*, iffukat fuq l-individwi, id-drittijiet u l-libertajiet tagħhom u l-identità u s-sigurtà personali tagħhom. Madankollu, għad fadal ħafna xi jsir jekk irridu niżguraw li l-viżjoni tagħna ssir realtà.



Nippreparaw għall-bidliet li ġejjin

Fl-2016, il-biċċa l-kbira tax-xogħol tagħna ffoka fuq it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-GDPR. Ħdimna f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-kollegi tagħna fil-**Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29** (WP29) sabiex ngħinu fl-abbozzar ta' gwida dwar il-leġiżlazzjoni l-ġdida, iżda wkoll biex niżguraw li aħna lesti għar-responsabbiltà kemm li nipprovdu s-segretarjat kif ukoll li naġixxu bħala membru indipendenti tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPB) ġdid.

Fil-leġiżlazzjoni l-ġdida, l-EDPB ser jissostitwixxi l-WP29, u jassumi r-responsabbiltà għall-iżgurar li l-GDPR jiġi applikat b'mod konsistenti madwar l-UE. Għaldaqstant, huwa vitali l-EDPB ikun operazzjonali bis-sħiħ sal-25 ta' Mejju 2018, meta l-GDPR isir applikabbli u infurzabbli. Matul l-2016, ħdimna mal-WP29 sabiex nibdew niżviluppaw regoli ta' proċedura u sabiex nanalizzaw opzjonijiet għall-IT, għall-baġit u għal ftehimiet dwar il-livell ta' servizz għall-korp il-ġdid.

Jekk l-Ewropa trid tibqa' fuq quddiem nett tad-dibattitu dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-*data*, għandna bżonn ukoll qafas legali modern għall-Privatezza Elettronika, li jggarantixxi kemm id-dritt fundamentali għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet kif ukoll jikkomplementa l-protezzjonijiet offruti mill-GDPR. Fuq talba tal-Kummissjoni, aħna ħriġna **Opinjoni** preliminari dwar il-proposta għal Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika riveduta f'Lulju 2016. Matul il-proċess tan-negożjati, aħna ser inkomplu nirsistu għal Direttiva aktar intelliġenti, aktar ċara u aktar b'saħħitha, li l-ambitu tagħha jirrifletti b'mod adegwat ir-realtajiet teknoloġiċi u tas-soċjetà tad-dinja diġitali.

Immexxu d-dibattitu globali 'l quddiem



Bħala parti mill-Istrateġija tagħna, aħna impenjajna ruħna għall-iżvilupp ta' dimensjoni etika għall-protezzjoni tad-*data*. F'Jannar 2016 waqqafna l-**Grupp Konsultattiv dwar l-Etika** sabiex neżaminaw l-etika diġitali minn varjetà ta' prospettivi akkademiċi u prattiċi. L-għan tagħna kien li nagħtu bidu għal dibattitu internazzjonali dwar id-dimensjoni etika tal-protezzjoni tad-*data* fl-era diġitali.

F'Mejju 2016, il-grupp kellu l-ewwel sessjoni ta' ħdimna tiegħu. Il-grupp ser ikompli bil-ħidma tiegħu matul l-2018, meta ser jippreżenta s-sejbiet tiegħu fil-Konferenza Internazzjonali tal-Protezzjoni tad-*Data* u tal-Kummissarji tal-Privatezza, li ser tkun ospitata mill-KEPD u mid-DPA Bulgara.

Is-sessjoni magħluqa tal-Konferenza Internazzjonali 2016 ffukat fuq suġġett li bl-istess mod iħares 'il quddiem: l-implikazzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali, it-tagħlim tal-magni u r-robotika għall-protezzjoni u l-privatezza tad-*data*. L-Istrateġija

tal-KEPD tiddekrivi l-impenn tagħna li niżguraw li l-protezzjoni tad-*data* ssir diġitali. Għaldaqstant, fittixna li ninfurmaw u mmexxu d-dibattitu fuq dan is-suġġett permezz tal-ħruġ ta' **dokument ta' sfond** li ntlajaq' tajjeb ħafna sabiex jiġi diskuss fil-konferenza.

It-teknoloġija qed tkompli tiżviluppa b'pass mgħaġġel u huwa essenzjali li l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* kollha, inkluż il-KEPD, jiżguraw li huma lesti għall-isfidi li ser iġibu magħhom dawn l-iżviluppi. Sabiex jgħin fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi, fl-2014 il-KEPD nieda n-**Network tal-Inġinerija tal-Privatezza tal-Internet** (IPEN). Magħmul minn esperti tal-IT mis-setturi kollha, il-grupp jipprovdi pjattaforma għal kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni dwar metodi u għodod tal-inġinerija li jintegraw ir-rekwiżiti tal-protezzjoni u l-privatezza tad-*data* f'teknoloġiji ġodda. L-adozzjoni tal-GDPR, li jeħtieġ li kwalunkwe persuna responsabbli għall-ipproċessar ta' *data* personali tosserva l-prinċipji ta' **protezzjoni tad-*data* mid-disinn** u b'mod awtomatiku, żiedet il-profil tal-grupp u x-xogħol tiegħu u ħeġġet lir-riċerkaturi, l-iżviluppaturi u r-regolaturi tal-protezzjoni tad-*data* biex isaħħu u jtejbju d-dimensjoni teknoloġika tal-protezzjoni tad-*data*.


Istituzzjonijiet tal-UE li jmexxu bl-eżempju

Madankollu, il-kisba tal-għan tagħna li nistabbilixxu l-UE bħala mexxejja fil-protezzjoni tad-*data* fuq livell globali tiddependi l-ewwel nett mill-istituzzjonijiet tal-UE li jistabbilixxu l-istandard fil-livell Ewropew. Bħala l-awtorità indipendenti responsabbli għas-sorveljanza tal-ipproċessar ta' *data* personali fuq dan il-livell, aħna ħdimna b'mod attiv mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE sabiex ngħinuhom jippreparaw għall-bidliet li ġejjin. Għalkemm il-GDPR ma japplikax għall-attivitajiet tagħhom, ir-regoli li japplikaw għall-attivitajiet tagħhom ser jiġu aġġornati matul l-2017 sabiex dawn jinġiebu konformi mal-GDPR.



Fl-2016, komplejna bl-isforzi tagħna sabiex niżviluppaw u napprofondixxu l-kooperazzjoni tagħna mal-**uffiċjali tal-protezzjoni tad-*data*** (UDPs) tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Bħala dawk responsabbli għall-iżguraw li l-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom jikkonformaw mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*, il-UDPs huma s-sħab l-aktar qrib tagħna fil-livell istituzzjonali. Matul is-sena, ħdimna magħhom kemm fuq livell kollettiv kif ukoll individwali sabiex nippreparawhom għar-regoli li qed jinbidlu. Dan kien jinkludi li nintroduċuhom għal kunċetti ġodda, bħal **Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data***, li taħt ir-regoli l-ġodda x'aktarx isiru obbligatori, bħalma huma fil-GDPR, kif ukoll li nkomplu nipprovdu gwida fil-forma ta' **Linji Gwida u Opinjonijiet ta' verifika minn qabel**. Aħna fittixna wkoll il-kontribut tagħhom dwar ir-reviżjoni tar-**Regolament (KE) Nru 45/2001** qabel ma tajna parir dwar dan lil-leġiżlatur.

Il-GDPR jinkludi referenza espliċita għall-prinċipju ta' **akkontabilità**, li wieħed jista' jassumi li ser jiġi applikat ukoll għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Dan jeħtieġ li l-organizzazzjonijiet idaħħlu fis-seħħ miżuri tekniċi u organizzattivi, u b'hekk jittrasferixxu r-responsabbiltà tat-turija ta' konformità mill-**awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data*** (DPAs) u UPDs, għal għand l-organizzazzjonijiet infushom. Fl-2016, nedejna l-Inizjattiva ta' Akkontabilità tal-KEPD, intiża sabiex tgħammar lill-istituzzjonijiet tal-UE, mill-KEPD bħala kontrollur tad-*data* nnifsu, sabiex imexxi bl-eżempju fir-rigward ta' kif għandhom jikkonformaw u juru l-konformità mar-**regoli tal-protezzjoni tad-*data***. Bħala parti mill-inizjattiva, żviluppajna "għodda" għall-evalwazzjoni tal-akkontabilità, li l-ewwel ittestjajnieha fuqna stess, bħala istituzzjoni. Wara żorna u Itqajna mal-ogħla rappreżentati ta' seba' korpi tal-UE sabiex nipromwovu l-inizjattiva, u ser inkomplu dan il-proċess fl-2017.



Matul is-sena ħriġna wkoll bosta **Linji Gwida** għall-istituzzjonijiet tal-UE. Il-Linji Gwida tal-KEPD, jipprovdu

pariri prattiċi dwar kif wieħed jikkonforma mar-regoli tal-protezzjoni tad-*data* f'sitwazzjonijiet speċifiċi. Dawn iservu bħala dokument ta' referenza li fl-isfond tiegħu l-istituzzjonijiet jistgħu jivvalutaw l-attivitajiet tagħhom u, b'hekk, iservu bħala għodda siewja għat-titjib tal-akkontabilità. Hefna mil-Linji Gwida tagħna huma rilevanti u applikabbli wkoll għax-xogħol ta' organizzazzjonijiet oħra.

B'rikonoxximent tar-rwol dejjem aktar importanti tal-komunikazzjoni diġitali fix-xogħol ta' kuljum tal-istituzzjonijiet tal-UE, f'Novembru 2016 hrigħna Linji Gwida dwar [is-servizzi web](#) u [l-applikazzjonijiet tal-mowbajl](#). Il-Linji Gwida joffru pariri prattiċi dwar kif il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* jistgħu jiġu integrati fl-iżvilupp u fl-immaniġġjar ta' servizzi bbażati fuq il-web u applikazzjonijiet tal-mowbajl rispettivament, u jinkorporaw il-kontribut ta' esperti rilevanti fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, kif ukoll UPDs, filwaqt li jiżguraw li dawn jibqgħu rilevanti fil-prattika u mhux fit-teorija biss. Hrigħna wkoll [Dokument ta' gwida](#) dwar is-Sigurtà tal-Infurmazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riskju (Information Security Risk Management ISRM), intiż sabiex jgħin lil dawk responsabbli għas-sigurtà tal-infurmazzjoni biex janalizzaw b'mod effettiv ir-riskji tal-protezzjoni tad-*data* u jiddeterminaw sett ta' miżuri ta' sigurtà sabiex dawn jiġu implimentati, biex b'hekk jiġu żgurati kemm il-konformità kif ukoll l-akkontabilità.

Bosta mil-Linji Gwida tagħna huma mmirati sabiex jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw li jistgħu jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tar-[Regolamenti tal-Persunal tal-UE](#) filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*. F'Lulju 2016 ippubblikajna [Linji Gwida](#) dwar l-ipproċessar ta' infurmazzjoni personali bħala parti minn proċedura ta' żvelar ta' infurmazzjoni protetta. Aħna pprovdejna rakkomandazzjonijiet dwar kif jistgħu jinħolqu mezzi sikuri għall-persunal sabiex jirrapportaw frodi, kif tista' tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-infurmazzjoni riċevuta u kif tista' tiġi mħarsa l-identità ta' kwalunkwe persuna marbuta mal-każ.

F'Novembru 2016 ippubblikajna [Linji Gwida](#) dwar l-ipproċessar ta' infurmazzjoni personali f'inkjesti amministrattivi u proċedimenti dixxiplinari. Dawn il-Linji Gwida jipprovdu lill-istituzzjonijiet tal-UE bil-qafas legali meħtieġ għat-twettiq ta' inkestji amministrattivi u jiggarrantixxu li l-proċeduri rilevanti jiġu implimentati b'mod li jiżgura li l-ipproċessar ta' *data* personali huwa legali, ġust, trasparenti u jikkonforma mal-obbligi tal-protezzjoni tad-*data* tagħhom.




Il-KEPD kien qed jipprepara wkoll biex jassumi responsabbiltà superviżorja ġdida. Skont il-qafas legali ġdid għall-Europol, approvat fil-11 ta' Mejju 2016, il-KEPD ser jieħu r-responsabbiltà li jissorvelja l-ipproċessar ta' *data* personali fl-Europol, kif ukoll li jipprovdi s-segretarjat għal Bord ta' Kooperazzjoni ġdid. Dan il-Bord ser jgħin sabiex jiffaċilita l-kooperazzjoni bejnietna u bejn id-DPAs nazzjonali f'każijiet li jirrigwardaw *data* mill-Istati Membri. Dan ir-rwol ġdid jippreżenta sfida ġdida li kemm il-KEPD kif ukoll l-Europol ser jimpenjaw ruħhom sabiex jissodisfaw b'tali mod li jirrifletti l-professjonaliżmu u l-affidabilità tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*.

Approċċ responsabbli lejn il-politika tal-UE

L-appoġġ tal-kredibbiltà tal-GDPR fuq livell internazzjonali jeħtieġ l-iżgurar li l-istandard għoli li dan jistabbilixxi jiġi promoss fil-politika tal-UE kollha. Fir-rwol tagħna bħala konsulent lill-Kummissjoni, lill-Parlament u lill-Kunsill, aħna għandna l-għan li niżguraw li dan huwa l-każ. Żewġ oqsma ta' profil partikolarment għoli li fihom l-UE fittxet li tiżviluppa politika ġdida fl-2016, kienu trasferimenti internazzjonali tad-*data* u l-ġestjoni tal-fruntieri.

Wara l-annullament fl-2015 tad-deċiżjoni "Safe Harbour" mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, il-Kummissjoni nneozjat deċiżjoni ġdida fuq l-adeqgatezza mal-Istati Uniti li aħna ġejna kkonsultati dwarha fl-2016. Fl-[Opinjoni](#) tagħna dwar it-Tarka tal-Privatezza, li tipprevedi għat-trasferiment ta' *data* mill-UE għall-Istati Uniti, aħna tlabna għal sistema ta' awtoċertifikazzjoni aktar b'saħħitha, filwaqt li enfazzzajna l-ħtieġa għal salvagwardji aktar robusti fuq l-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Uniti għal *data* personali u mekkaniżmi ta' sorveljanza u rimedju mtejbja.



Frìgna wkoll [Opinjoni](#) dwar il-*Ftehim Komprensiv* UE-Stati Uniti dwar il-protezzjoni ta' *data* personali trasferita bejn l-UE u r-Renju Unit għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi. Fir-rakkomandazzjonijiet tagħna, enfasizzajna l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ftehim jappoġġja d-drittijiet fundamentali, partikolarment fir-rigward ta' rimedju ġudizzjarju. Enfasizzajna wkoll il-ħtieġa għal salvagwardji mtejba għall-individwi kollha u sħaqla dwar l-importanza li jkun kjarifikat li, skont il-ftehim, it-trasferiment ta' *data* sensittiva fi kwantità huwa projbit.



FI-2017 il-politika dwar il-fruntieri baqgħet prijorità partikolarment għolja għall-UE, li wasslet għal bosta inizjattivi ta' politika tal-UE mmirati li jżommu l-fruntieri tal-UE siguri. Il-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam tqajjem mistoqsijiet partikolarment diffiċli relatati mal-ibbilanċjar tal-ħtieġa għas-sigurtà mad-dritt għall-protezzjoni tad-*data*.

FI-2016 frìgna [rakkomandazzjonijiet](#) dwar kif ikun żgurat li d-drittijiet ta' migranti u refuġjati jiġu rispettati, bħala tweġiba għar-Regolament propost dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Komplejna fuq dan billi tajna [pariri lill-Frontex](#) dwar kif jużaw is-setgħat mogħtija lilhom skont ir-Regolament ġdid sabiex jiġġestixxu b'mod effettiv *data* personali

f'analiżi tar-riskju li tirrigwarda d-dħul klandestin ta' persuni.

Frìgna wkoll Opinjonijiet dwar il-proposta riveduta tal-Kummissjoni sabiex tiġi stabbilita [Sistema ta' Dħul/ Frug](#) (EES) għaċ-ċittadini kollha mhux tal-UE deħlin u ħerġin mill-UE u dwar is-[Sistema Ewropea Komuni tal-Asil](#). Fiż-żewġ każijiet, staqsejna lill-Kummissjoni biex tikkunsidra jekk uħud mill-miżuri proposti kinux verament neċessarji sabiex jilħqu l-għanijiet mixtieqa tagħhom.

Amministrazzjoni interna

Sabiex nittieħdu b'serjetà bħala awtorità superviżorja u konsultattiva, irridu niżguraw li l-amministrazzjoni interna u l-prattiki tal-protezzjoni tad-*data* tagħna stess huma adegwati u effettivi. Dan huwa saħansitra aktar importanti meta wieħed iqis il-funzjoni amministrattiva li ser nipprovd u għall-EDPB il-ġdid.

FI-2016, persunal mill-Unità tar-Riżorsi Umani, Baġit u Amministrazzjoni (HRBA) tal-KEPD ħadem mill-qrib mal-UPD tal-KEPD sabiex jiżviluppaw u jittestjaw l-għodda tal-akkontabilità tagħna. Implimentajna wkoll politiki interni, bħal qafas tal-etika, immirat li jżid it-trasparenza u jipromwovi l-professionalizmu.

Bħala parti mill-preparazzjonijiet tagħna għall-EDPB, aħna responsabbli li niżguraw li l-korp il-ġdid jirċievi riżorsi umani u finanzjarji adegwati mill-awtorità tal-baġit u li titfassal l-istruttura amministrattiva neċessarja. Dan ix-xogħol kompli jżid ir-ritmu fl-2016, u ġie dokumentat f'serje ta' skedi informattivi tal-EDPB li jiddeskrivu l-viżjoni tagħna, bil-għan li s-sħab tagħna fil-WP29 jibqgħu infurmati bis-sħiħ dwar l-attivitajiet tagħna.


Aħna nikkonformaw bis-sħiħ ukoll mal-obbligu tagħna li nwieġbu għal talbiet ta' aċċess għal dokumenti u impenjati li nżidu t-trasparenza tax-xogħol tagħna, primarjament permezz tat-tnedija ta' sit web ġdid tal-KEPD fil-bidu tal-2017.

Nikkomunikaw il-messaġġ tagħna

Ix-xogħol li nagħmlu biex nistabbilixxu prijoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* u nassumu rwol ewlieni fuq livell globali jiddependi mill-iżguraw li nsemmgħu leħinna.

Aħna nikkomunikaw ix-xogħol tagħna permezz ta' varjetà ta' għodod, inkluż midja online, l-istampa, avvenimenti u pubblikazzjonijiet. [L-app](#) tagħna dwar il-GDPR, li ġiet aġġornata fl-2016 sabiex tinkludi

I-verżjonijiet finali adottati tal-GDPR u d-Direttiva dwar il-pulizija, il-ġustizzja u materji kriminali, kienet eżerċizzju partikolarment ta' suċċess fit-trasparenza u l-akkontabilità leġiżlattiva. Fl-2016 nedejna wkoll [blog](#), immirat biex jipprovi ħarsa aktar dettaljata lejn ix-xogħol tas-Superviżuri.



Aħna nkomplu nirsistu sabiex nilħqu udjenzi ġodda kemm online kif ukoll offline, sew jekk permezz tal-mezzi tal-midja soċjali tagħna li qed jikbru b'rata mgħaġġla kif ukoll permezz ta' żjarat u avvenimenti.

B'għajnejn id-dinja fuq l-Ewropa, il-KEPD ser ikompli jaħdem mas-sħab tagħna għall-protezzjoni tad-*data* sabiex il-viżjoni tagħna ta' UE li tmexxi bl-eżempju

fid-djalogu globali dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-*data* fl-era diġitali ssir realtà.

Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni 2016

Wara l-adozzjoni tal-Istrateġija 2015–2019 tal-KEPD f'Marzu 2015, aħna erġajna evalwajna l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tagħna (KPIs) sabiex nieħdu inkunsiderazzjoni l-oġettivi u l-prijoritajiet ġodda tagħna. Is-sett ġdid ta' KPIs ser jgħinna biex nimmonitorjaw u naġġustaw, jekk meħtieġ, l-impatt tax-xogħol tagħna u l-użu tar-riżorsi tagħna.

It-tabella t'hawn taħt turi l-prestazzjoni tagħna fl-2016, skont l-oġettivi strateġiċi u l-pjan ta' azzjoni definiti fl-Istrateġija tal-KEPD.

It-tabella ta' valutazzjoni tal-KPIs tinkludi deskrizzjoni fil-qosor ta' kull KPI, ir-riżultati fil-31 ta' Diċembru 2015 u l-mira stabbilita. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-indikaturi jitkejlu kontra miri inizjali, iżda hemm żewġ KPIs li ġew ikkalkolati għall-ewwel darba: KPI 5 u KPI 9.

Ir-riżultati juru li l-implimentazzjoni tal-Istrateġija qiegħda fit-triq it-tajba, bil-KPIs kollha jissodisfaw jew jaqbżu l-għanijiet rispettivi tagħhom. Għaldaqstant, f'dan l-istadju ma huma meħtieġa l-ebda miżuri korrettivi.

INDIKATORI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI		RIŻULTATI SAL-31.12.2016	GĦAN 2016
Objettiv Nru 1 — Il-Protezzjoni tad-Data ssir diġitali			
KPI 1	Numru ta' inizjattivi li jippromwovu teknoloġiji biex itejbu l-privatezza u l-protezzjoni tad- <i>data</i> organizzati jew koorganizzati mill-KEPD	9	9
KPI 2	Numru ta' attivitajiet iffokati fuq soluzzjonijiet ta' politika transdixxiplinari (interni u esterni)	8	8
Objettiv Nru 2 — Noħolqu sħubiji globali			
KPI 3	Numru ta' inizjattivi meħuda rigward ftehimiet internazzjonali	8	5
KPI 4	Numru ta' każijiet indirizzati fuq livell internazzjonali (WP29, KtE, OECD, GPEN, Konferenzi Internazzjonali) li għalihom il-KEPD ipprova kontribut sostanzjali bil-miktub	18	13
Objettiv Nru 3 — Il-ftuħ ta' kapitlu ġdid għall-protezzjoni tad-<i>data</i> tal-UE			
KPI 5	Analiżi tal-impatt tal-kontribut tal-KEPD lill-GDPR u lid-Direttiva dwar il-pulizija, il-ġustizzja u materji kriminali	GDPR: impatt kbir Direttiva: impatt medju	L-2016 bħala punt ta' riferiment
KPI 6	Livell ta' sodisfazzjon ta' UPDs/DPCs/kontrolluri dwar il-kooperazzjoni mal-KEPD u l-gwida, inkluż is-sodisfazzjon tas-suġġetti tad- <i>data</i> rigward it-taħriġ	88 %	60 %
KPI 7	Rata ta' implimentazzjoni tal-każijiet fil-lista ta' prijorità tal-KEPD (kif regolarment aġġornata) fil-forma ta' kummenti informali u opinjonijiet formali	93 %	90 %
Instigaturi — Komunikazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi			
KPI 8	Numru ta' żjarat fuq is-sit web tal-KEPD	459 370 żjara fuq is-sit web	2015 bħala parametru referenzjarju + 10 %
(indikatur kompost)	Numru ta' segwaċi fuq il-kont ta' Twitter tal-KEPD	6122 segwaċi fuq Twitter	(195 715 żjara fuq is-sit web; 3631 segwaċi fuq Twitter)
KPI 9	Il-livell ta' sodisfazzjon tal-persunal	75 %	2016 bħala parametru referenzjarju — sħarriġ biennali

Objettivi ewlenin għall-2017

Għall-2017 intgħażlu l-objettivi li ġejjin fi ħdan l-Istrateġija globali għall-2015–2019. Ir-riżultati ser jiġu rrapportati fir-Rapport Annwali 2017.

L-iżgurar tal-kunfidenzjalità u l-privatezza fil-komunikazzjonijiet elettroniċi

Bħala parti mill-pakkett tal-protezzjoni tad-*data* li ser jinkludi il-GDPR u r-reviżjoni tar-regoli għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea beħsiebha tadotta wkoll regoli ġodda dwar il-Privatezza elettronika. Aħna ser nikkontribwixxu għar-reviżjoni kontinwa tad-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika. Il-fokus tagħna, fost kwistjonijiet oħrajn, ser ikun fuq il-ħtieġa li l-prinċipju ta' kunfidenzjalità ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, minqax fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jiġi tradott b'mod adegwat fid-dritt tal-Unjoni.

Nippreparaw għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 rivedut

Fil-bidu tal-2017, il-Kummissjoni ser toħroġ proposta għal Regolament ġdid biex jissostitwixxi ir-regoli attwali li jirregolaw il-protezzjoni tad-*data* fl-istituzzjonijiet tal-UE. Ir-reviżjoni ta' dawn ir-regoli tirrigwarda l-KEPD b'mod dirett peress li tiddefinixxi r-rwol u s-setgħat tagħna bħala awtorità superviżorja u tistabbilixxi r-regoli li aħna ser ninfurzaw fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Minħabba l-importanza tagħha, aħna ser niddedikaw ammont konsiderevoli ta' riżorsi għall-proċess ta' reviżjoni fl-2017, sabiex niżguraw li r-regoli għall-iproċessar tad-*data* applikabbli għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE jkunu allinjati kemm jista' jkun mal-prinċipji tal-GDPR. Ladarba t-test jiġi finalizzat, naġġornaw il-proċeduri interni tagħna skont dan u ngħinu lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE sabiex jimplementaw ir-regoli l-ġodda.

Niffaċilitaw il-valutazzjoni tan-neċessità u l-proporzjonalità

Fl-2016 ippubblikajna dokument ta' sfond dwar in-neċessità u nedejna konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati. B'kunsiderazzjoni tar-rispons riċevut, fil-bidu tal-2017, il-KEPD ser jippubblika sett ta' miżuri tan-neċessità. Dan ser jipprovdi gwida lil dawk li jfasslu

l-politika u lil-leġislaturi tal-UE responsabbli mit-tfejjija ta' miżuri li jinvolvu l-iproċessar ta' *data* personali u li jinterferixxu mad-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali. Wara nsegwu b'dokument ta' sfond dwar il-prinċipju ta' proporzjonalità fil-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-UE u ser norganizzaw sessjonijiet ta' ħidma ddedikati għal oqsma ta' politika tal-UE speċifiċi, sabiex inħarrġu lill-Persunal tal-Kummissjoni u nżidu l-għarfien tagħhom dwar kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-*data*.

Nippromwovu fruntieri aktar b'saħħithom ibbażati fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali

Fi sforz sabiex jindirizzaw l-isfidi tal-migrazzjoni u s-sigurtà interna affaċċjati mill-UE, ġew proposti numru ta' inizjattivi ġodda. Il-KEPD ser ikompli joffri pariri dwar l-implikazzjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* ta' proposti tal-UE assoċjati mal-implimentazzjoni tal-aġenda tal-Unjoni tas-Sigurtà tal-Kummissjoni u Pjan ta' Azzjoni dwar il-finanzjament tat-terroriżmu. Ser noffru wkoll pariri dwar bosta inizjattivi pjanati li jirrigwardaw il-fruntieri tal-UE u s-sigurtà, bħall-ETIAS, ir-reviżjoni tal-SIS II u l-ECRIS u l-interoperabbiltà ta' dawn is-sistemi.

Ser nimmonitoraw mill-qrib l-impatt potenzjali fuq il-protezzjoni tad-*data* tal-qafas ġdid għal **deċiżjonijiet fuq l-adeqwatezza** fuq l-iskambju ta' *data* personali ma' pajjiżi terzi, ftehimiet kummerċjali ġodda u ftehimiet possibbli fis-settur tal-infurzar tal-liġi. Barra minn hekk, ser inkomplu nikkonsolidaw il-kuntatti tagħna mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, u noffru assistenza u gwida fejn meħtieġ.

Nippreparaw lill-istituzzjonijiet tal-UE għal Valutazzjonijiet tal-Impatt dwar il-Protezzjoni tad-Data

Fokus partikolari tal-isforzi tagħna biex nippreparaw lil UPDs u kontrolluri fl-istituzzjonijiet tal-UE għall-obbligi ġodda tagħhom ser ikun fuq **Valutazzjonijiet tal-Impatt dwar il-Protezzjoni tad-Data** (DPIAs). DPIAs huma parti mit-tranżizzjoni usa' lejn l-**akkontabilità**, u jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jassumu r-responsabbiltà għall-iżgurar tal-konformità. Dawn jipprovdu oqfsa għall-valutazzjoni tar-riskji tal-protezzjoni u l-privatezza tad-*data* ta' operazzjonijiet għall-iproċessar tad-*data* li huma meqjusa ta' riskju għoli u jgħinu lil dawk

responsabbli mill-ipproċessar tad-*data* jiffukaw l-isforzi tagħhom fejn huma meħtieġa l-aktar. Aħna ser inkomplu bix-xogħol tagħna fuq id-DPIAs fil-laqgħat tagħna man-netwerk tal-UPD u ser nipprovdu gwida individwali fejn meħtieġ.

Gwida dwar it-teknoloġija u l-protezzjoni tad-*data*

FI-2017 ser noħorġu Linji Gwida dwar il-governanza u l-ġestjoni tal-IT u dwar il-cloud computing. Ser nagħmlu wkoll segwitu tal-Linji Gwida tagħna dwar [servizzi tal-web](#) u [applikazzjonijiet tal-mowbajl](#) billi niffukaw fuq l-implimentazzjoni prattika tagħhom fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE taħt is-superviżjoni tagħna. Abbażi ta' analiżi dettaljata ta' siti web u applikazzjonijiet speċifiċi, aħna ser niprovdu pariri prattiċi għal każijiet konkreti.

Reviżjoni tal-Linji Gwida tal-KEPD rigward *data* dwar is-saħħa

FI-2017, ser nirvedu l-Linji Gwida eżistenti tagħna dwar l-ipproċessar ta' *data* relatata mas-saħħa fuq il-post tax-xogħol u ser inkomplu niżviluppaw l-għarfien espert tagħna dwar big *data* u s-saħħa. Dawn il-Linji Gwida huma meħtieġa sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni ż-żieda sinifikanti fl-ipproċessar ta' *data* relatata mas-saħħa għal skopijiet ta' statistika, ta' riċerka u dawk xjentifiċi. L-għan tagħna huwa li nenfasizzaw ir-regoli kollha tal-protezzjoni tad-*data* rilevanti u nuruhom b'eżempji speċifiċi mill-esperjenza tagħna li nittrattaw notifiki, konsultazzjonijiet u lmenti. Ser ninvolvu b'mod attiv uħud mill-UPDs mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE li jixtiequ jaqsmu l-esperjenzi tagħhom f'dan il-qasam.

L-Istħarriġ tar-rebbiegħa

Kull sentejn, il-KEPD iwettaq stħarriġ ġenerali tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. L-istħarriġ huwa għodda effettiva għall-monitoraġġ u l-iżguraw tal-applikazzjoni tar-[regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*](#) fl-istituzzjonijiet tal-UE u jikkomplementa għodod ta' monitoraġġ bħal żjarat jew spezzjonijiet. Ser inwettqu l-istħarriġ li jmiss fl-2017.

Niżviluppaw l-għarfien espert tagħna fis-sigurtà tal-IT

Ser inkomplu niżviluppaw l-għarfien espert tagħna fis-sigurtà tal-IT u napplikawh fl-attivitajiet tagħna ta' spezzjoni u awditjar. Dan jinkludi li nkomplu x-xogħol ta'

sorveljanza tagħna fuq [sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira](#) u dan ix-xogħol nesponduh f'oqsma ġodda, bħas-sorveljanza tal-Europol. Ser nużaw dan l-għarfien ukoll aħna u nippreparaw l-infrastruttura għall-KEPD, bi sħab ma' [UPDs](#) nazzjonali.

Kooperazzjoni internazzjonali

FI-2017 kooperazzjoni kontinwa ma' DPAs nazzjonali ser tkun essenzjali. Minbarra li nkomplu l-preparazzjonijiet konġunti tagħna għall-GDPR, ser naħdmu mal-[WP29](#) dwar suġġetti inklużi l-aġendi tas-sigurtà u miżuri ġodda kontra t-terroriżmu, trasferimenti internazzjonali, *data* finanzjarja, żviluppi fis-saħħa u fl-IT. Ser naħdmu wkoll ma' DPAs fir-rwol tagħna bħala segretarjat Ewropew għall-protezzjoni tad-*data*, mhux għall-EDPB biss iżda wkoll fix-xogħol tagħna dwar superviżjoni koordinata ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira u s-sorveljanza tal-Europol.

Sa fejn ikun possibbli, ser nikkontribwixxu għal diskussjonijiet dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-*data* f'fora internazzjonali u ser inkomplu d-dialogu tagħna ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-organizzazzjoni ta' sessjoni ta' ħidma konġunta f'Mejju 2017.

Proġett ta' akkontabilità

Sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-impatt fuq l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE tar-reviżjoni li ġejja tar-[Regolament \(KE\) Nru 45/2001](#), ser norganizzaw żjarat ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni. Dawn iż-żjarat ser jiffukaw primarjament fuq it-tneġġiġ tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jimplementaw il-prinċipju tal-akkontabilità, kif ukoll ir-rekwiżiti speċifiċi inklużi fir-regoli l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-*data* fl-istituzzjonijiet tal-UE. BI-intenzjoni li tmexxi bl-eżempju, l-unità tas-Sorveljanza u l-Infurzar tal-KEPD ser tikkoopera mal-UPD tal-KEPD sabiex tkompli tiżviluppa l-implimentazzjoni interna tal-prinċipju tal-akkontabilità. Ser naqsmu l-esperjenzi tagħna man-netwerk tal-UPD.

Niżviluppaw dimensjoni etika għall-protezzjoni tad-*data*

L-iżvilupp ta' dimensjoni etika għall-protezzjoni tad-*data* hija waħda mill-[prijoritajiet](#) tal-mandat attwali tal-KEPD. Ix-xogħol tal-KEPD u l-[Grupp Konsultattiv dwar l-Etika](#) (EAG) fl-2016 żied is-sensibilizzazzjoni tal-etika diġitali fil-komunità tal-protezzjoni tad-*data*. FI-2017, il-KEPD ser ikompli jappoġġja x-xogħol tal-EAG u jiżgura li d-dibattitu mondjali dwar l-etika diġitali jibqa' f'livell

għoli fuq l-aġenda. L-EAG ser jippubblika l-ewwel Rapport Interim tiegħu u jorganizza sessjoni ta' ħidma flimkien mal-KEPD sabiex jilħaq lill-komunità xjentifika. Il-KEPD ser jibda jintegra wkoll għarfien etiku fix-xogħol tagħna ta' kuljum bħala regolatur u konsulent dwar il-politika indipendenti kif ukoll jibda t-tfejjijiet tagħna għas-sessjoni pubblika tal-Konferenza Internazzjonali tal-Protezzjoni tad-*Data* u tal-Kummissarji tal-Privatezza 2018, li ser tkun ospitata mill-KEPD u mid-DPA Bulgara u ser jiffoka fuq l-etika diġitali.

Teknoloġija tas-sorveljanza

Il-KEPD jimmonitorja teknoloġiji ġodda u jivvaluta l-impatt tagħhom fuq il-privatezza skont l-għan tagħna sabiex jiżgura li l-protezzjoni tad-*data* ssir diġitali, kif deskritt fl-**Istrateġija** tagħna. Madankollu, ix-xogħol tagħna f'dan il-qasam mhuwiex irreklammat tajjeb. Għaldaqstant, beħsiebna nżidu l-*viżibilità* ta' dan ix-xogħol u nagħmlu l-konklużjonijiet tagħna aktar aċċessibbli permezz ta' komunikazzjoni aħjar. Dan jista' jinvolvi l-organizzazzjoni ta', jew il-parteċipazzjoni f'sessjonijiet ta' ħidma li ser jikkontribwixxu għall-appfondiment tal-analiżijiet tagħna u għall-fokus aħjar tal-kontribuzzjonijiet tagħna għal dibattiti pubbliċi. Ser inkomplu niżviluppaw il-kooperazzjoni tagħna mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netzwerk u l-Infurmazzjoni (ENISA) u nimmiraw sabiex norganizzaw sessjoni ta' ħidma ma' riċerkaturi akkademiċi tat-teknoloġija sabiex ngħinu fit-titjib ta' kooperazzjoni diretta ma' akkademji.

Il-protezzjoni tad-*data* ssir diġitali

L-Artikolu 25 tal-GDPR jagħmel il-**protezzjoni tad-*data* mid-disinn** u b'mod awtomatiku, rekwiżit obbligatorju. Dan l-obbligu żied l-interess fl-approċċ tal-*inġinerija* għall-privatezza u kien ta' ispirazzjoni għal negozji ġodda u sħubiji ta' riċerka. **IPEN**, mas-sħab tiegħu f'akkademji, fis-soċjetà ċivili, fl-amministrazzjoni u fl-industrija, għandu l-għan li jikkoopera ma' inizjattivi bħal dawn. Ser inkomplu ntejbu l-għodod ta' komunikazzjoni tan-netwerk u ser insaħħu l-kooperazzjoni u l-koerenza sabiex niffaċilitaw it-tnejja u l-appoġġ ta' inizjattivi ġodda. Hekk kif jikber in-netwerk, inkunu nistgħu norganizzaw ukoll aktar avvenimenti tal-IPEN.

Preparazzjoni għall-EDPB

L-EDPB ser jissostitwixxi l-WP29 skont il-GDPR. Peress li l-KEPD ser jipprovdi s-Segretarjat għall-EDPB, irridu niżguraw li l-EDPB ikun lest jibda l-ħidma

mill-ġurnata meta l-GDPR isir applikabbli bis-sħiħ. Ix-xogħol ta' tfejjija neċessarju ser isir f'kooperazzjoni mill-qrib mal-WP29 u aħna ser niżguraw li jkunu fis-seħħ arranġamenti tranżitorji xierqa għal trasferiment mingħajr xkiel tar-responsabbiltajiet. Għaldaqstant, ser inkomplu nipparteċipaw fit-task force EDPB-WP29 sabiex nistabbilixxu s-segretarjat tal-EDPB. Dan ix-xogħol ser jinkludi l-iżguraw li jkollna infrastruttura xierqa tal-IT, l-istabbiliment ta' metodi ta' ħidma u regoli ta' proċedura u l-iżguraw ta' riżorsi umani u finanzjarji adegwati.

Superviżjoni effettiva tal-Europol

Qafas ġdid dwar il-protezzjoni tad-*data* għall-Europol ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2017, li taħtu l-KEPD ser jieħu r-responsabbiltà li jissorvelja l-ipproċessar ta' *data* personali fl-Europol. Ilna naħdmu għal dan ir-rwol ġdid fuq livell organizzattiv u tar-riżorsi umani u ser inkomplu nagħmlu dan sal-1 ta' Mejju 2017, meta ser tibda s-superviżjoni effettiva. Ir-rwol ġdid tagħna ser jinvolvi t-twettiq tal-kompiti standard ta' sorveljanza tagħna, inklużi, il-ġestjoni ta' lmenti, konsultazzjonijiet, trattati ta' talbiet għal informazzjoni u t-twettiq ta' spezzjonijiet, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' awtoritajiet superviżorji nazzjonali fi fhdan il-Bord ta' Kooperazzjoni stabbilit reċentement.

It-twaqqif ta' Ċentru Diġitali għall-Ikklerjar

Fl-2016, ħabbarna l-intenzjoni tagħna li nwaqqfu Ċentru Diġitali għall-Ikklerjar. Dan ser jiġbor flimkien aġenziji mill-oqsma tal-kompetizzjoni, il-konsumatur u l-protezzjoni tad-*data* li lesti jaqsmu informazzjoni u jiddiskutu kif jistgħu jiġi infurzati regoli li jappoġġjaw l-interessi tal-individwu fl-ispazju diġitali. Fl-aħħar tal-2016, ħriġna kwestjonarju għall-aġenziji kollha li lesti jipparteċipaw. Fl-2017, ser nużaw ir-riżultati tal-kwestjonarju sabiex niddiskutu passi prattiċi sabiex l-infurzar tad-drittijiet isir aktar effettiv. Qed nantiċipaw laqgħa tan-netwerk fir-rebbiegħa tal-2017, u wara konferenza jew l-ewwel laqgħa pubblika ta' Ċentru tal-Ikklerjar fil-ħarifa tal-2017.

Nippremjaw lil dawk li japplikaw teknoloġiji li jinfurzaw il-privatezza

Il-KEPD jixtieq iħeġġeġ lid-disinjaturi sabiex jimplimentaw Teknoloġiji ta' Infurzar tal-Privatezza (PETs) f'applikazzjonijiet ġodda. Għaldaqstant, ser noħolqu premju għall-applikazzjonijiet tas-saħħa mobbli favur il-privatezza (mHealth), li għandhom jitniedu fl-2017.

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE
(http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*). L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

www.edps.europa.eu

 @EU_EDPS

 EDPS

 European Data Protection Supervisor



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet